# Dawl ġdid fuq il-Knisja tal-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl fil-Wied ta' Birkirkara

**Mario Gauci**

Fis-sena Pawlina, li kienet iċċelebrata fl-2009, flimkien ma' diversi kontributuri oħra, kont ippubblikajt studju dwar l-istorja tal-knisja tal-Appostlu Missierna San Pawl li hemm fil-Wied ta' Birkirkara. Fir-riċerka storika ebda kapitlu ma jingħalaq għal dejjem u għalkemm il-knisja hija pjuttost żgħira fid-daqs tagħha dan ma fissirx li ma kien hemm xejn aktar x'jingħad. Storikament antika ħafna u l-pożizzjoni ġeostrateġika tagħha għenitha tarrikkixxi ġrajjietha. Għal dan il-għan, kien mument opportun li rġajt ingħatajt l-opportunità li nitfa' dawl ġdid fuq il-knisja ta' San Pawl fil-ktieb annwali li jkun ippubblikat fl-okkażjoni tal-festa tal-patruna tagħna Sant'Elena.

Il-knisja ta' San Pawl nbniet mill-ġdid fl-1852 minflok oħra li tmur lura sa minn żmien bikri tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta. Madankollu, l-artiklu ser jittratta żewġ taqsimiet. L-ewwel taqsima tittratta r-riċerka storika u affarijiet ġodda relatati magħha. It-tieni parti mbagħad tittratta l-preżent u l-affarijiet ewlenin li ġraw minn mindu l-Kanonku Dun Nicholas J. Doublet inħatar Rettur ta' din il-knisja u għalhekk, fuq inizjattiva tiegħu, saru diversi proġetti kif ukoll l-introduzzjoni ta' ċelebrazzjonijiet liturġiċi mill-ġdid wara assenza ta' numru twal ta' snin minn wara l-Konċilju Vatikan II.

**Il-kwadru titulari l-antik li jirrappreżenta l-Konverżjoni ta' San Pawl**

Is-sena l-oħra, donatur għoġbu jirregala lill-Mużew tal-Kolleġġjata ta' Sant'Elena l-kwadru l-antik tal-knisja ta' San Pawl li tmur lura għall-bidu tas-Seklu Sittax. Madankollu, għalkemm dan huwa l-kwadru tal-knisja l-antika, ma nistgħux ngħidu li qabel dan ma kienx hemm kwadri oħrajn. Tant hu hekk li fil-Viżta tal-Isqof Balaguer de Camarasa tal-1659, insibu li l-knisja kellha kwadru ġdid u kien juri lil San Pawl fil-parti ta' fuq. Fil-parti ta' isfel kien hemm il-qaddisin San Krispin u San Krispinjanu.[1] Mhux il-każ ta' dan il-kwadru fejn San Pawl tpitter fil-parti ta' isfel u ż-żewġ qaddisin msemmija Krispin u Krispinjanu ma' jidhru mkien.

L-Isqof iddokumenta li l-kwadru tal-artal kien antik ħafna u mid-dehra hu ma kienx kuntent b'dak li sab u ordna lill-Prokuratur ta' dak iż-żmien, Gio. Maria Gilestri, biex jipprovdi lill-kappella b'dak kollu li kien meħtieġ fi żmien ġimagħtejn. Gilestri kellu wkoll jibdel il-kwadru li kien hemm u jagħmel ieħor ġdid filwaqt li kellha issir ukoll serratura tal-ħadid u tinfetaħ tieqa żgħira fil-bieb tal-knisja.[2] Għalhekk nistgħu nistabbilixxu li l-kwadru li qed nitkellmu fuqu f'dan l-artiklu huwa t-tielet kwadru titulari. Il-Viżta Pastorali tal-Isqof Vincenzo Labini tal-1781 tgħidilna li l-Isqof innifsu żar il-knisja l-antika u sabha fi stat tajjeb ħafna u kienet armata b'kull ħaġa neċessarja li kellha bżonn kemm għal-liturġija kif ukoll għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' arredi sagri aktar dekorattivi. F'din l-istess

1 AAM, VP 1656-59, 163r.

2 AAM, VP 1635-37A, 240v.

Viżta, naqraw ukoll li skont l-Atti tan-Nutar Pietru Attard, datati 19 ta' Novembru 1661, kien għadu jeżisti l-piż u l-obbligu li ssir quddiesa fix-xahar li kellu jagħmel ċertu Giuseppe Haiscax minn Ħaż-Żebbuġ kif ukoll li jinxtegħel lampier biż-żejt matul is-sena kollha. Imma l-aktar ħaġa li tinteressana hija r-riferiment għall-kwadru li ser nitkellmu dwaru: *cuius icon muro immissa representat Conversionem Sancti Pauli*, kwadru ingastat fil-ħajt li jirrappreżenta l-Konverżjoni ta' San Pawl.[3]



Dan ifisser li l-kwadru kien ingastat skont il-forma tal-gwarniċ tal-ġebel tal-knisja l-antika. Tant hu hekk li l-kwadru li qed naraw riprodott f'dan l-artiklu għandu forma pjuttost Medjevali li tikkumplimenta l-knisja preċedenti. Din kienet tikkonsisti fi tliet ħnejjiet msaqqfa bi ċnagen tal-ġebel[4] kif pittirha tajjeb minn barra ir-Rev. David Markham li ħallielna l-unika dokumentazzjoni viżiva fl-erbgħinijiet tas-Seklu Dsatax. Fil-fatt, il-fiżjonomija tal-kwadru ta' daqs 130ċm għal 100ċm, hija qsajra u wiesgħa u tispiċċa b'nofs tond fil-parti ċentrali. Minnu wieħed jista', bejn wieħed u ieħor, jieħu d-dimensjoni tal-knisja preċedenti.

Imma tajjeb li ngħidu xi ħaġa fuq dan il-kwadru u min seta' pittru. Ma nistgħux ngħidu li l-kwadru jilħaq xi livelli għolja imma l-kompożizzjoni hija waħda interessanti fejn it-tila turina żewġ taqsimiet orizzontali. Fit-taqsima ta' isfel naraw ix-xena tal-waqgħa ta' Sawl minn fuq iż-żiemel li jidher sfrattat filwaqt li personaġġ fil-bogħod qed jipprova jikkontrollah. San Pawl jidher b'ġismu merħi u qed jiġi merfugħ minn dahru minn żewġ suldati u personaġġ ieħor li sostanzjalment qed joħolqu l-moviment fix-xena.

Interessanti l-fatt li l-uċuħ kollha għandhom għajnejhom miftuħa ħlief il-kpiepel ta' għajnejn San Pawl li huma aċċentwati, tipikament ta' Gian Nikol Buhagiar. Kien min kien, l-artist ried iwassal il-messaġġ kif naraw fl-Atti tal-Appostli: *Billi ma stajtx nara minħabba d-dija ta' dak id-dawl, mexxewni minn idi dawk li kienu miegħi, u hekk wasalt Damasku.*[5] Fit-taqsima orizzontali ta' fuq, qalb is-sħab, jidher il-Missier Etern jipponta il-post ta' fejn Sawl kellu jmur fit triq li twassal għand Ħananija għad-dixxerniment lejn il-mixja tiegħu fil-Kristjaneżmu. Il-palett tal-artist għandha passaġġi aċċettabbli u oħrajn batuti

3 AAM, VP 1781, 259 r.
4 AAM, VP 1692 (-93), 81r.
5 Atti tal-Appostli, 22, 3-16.

speċjalment in-naħa fejn hemm il-Missier Etern. Il-pittur jidher li applika kuluri daqsxejn ħoxnin għalkemm il-kwadru jidher li ngħata bosta passati ta' verniċ u għalhekk il-kuluri mhux jinqraw kif suppost. Naħsbu li dan il-kwadru tpitter wara it-tieni nofs tas-Seklu Tmintax. Waqt li l-kompozizzjoni hi tajba fl-invenzjoni, l-eżekuzzjoni hi batuta. Jidher kwadru vernakulari tas-Seklu Tmintax Malti u ma nistgħux ngħidu b'ċertezza min seta' pittru.

**Sejba' ta' data fuq il-gwarniċ tal-kwadru tal-knisja preżenti**

Interessanti hija s-sejba ta' data, l-1628, imnaqqxa mal-gwarniċ tat-titular tal-knisja preżenti. Il-Prof. Mons. Dun Vinċenz Borg sab li l-prospettiva tal-artal tal-Kurċifiss, li qabel kienet fil-Knisja l-Qadima u li llum parti kbira minnha tinsab fil-knisja ta' San Pawl, hija l-aħħar waħda minn sensiela ta' tmien prospettivi u tlestiet fl-1723.[6] Iżda mhux l-istess jista' jingħad għall-gwarniċ tal-kwadru. Id-data tal-1628 titfa' dawl ġdid fuq il-gwarniċ li żmien twil ilu darba kien hemm f'nofs il-korsija tal-Knisja l-Qadima u li jġib ukoll id-data tal-1628 biswit il-kwadru ta' San Pietru u San Pawl.[7]

**Statwa tal-ġebel ta' San Pawl**

Ħaġa oħra li tista' tinteressana hija statwa mnaqqxa fil-ġebel li tirrappreżenta lil San Pawl. Matul il-ġimgħa tal-festa ta' din is-sena, nhar il-25 ta' Jannar, sirt naf li għall-ħabta tal-1970, xi ħadd kien xtara statwa ta' San Pawl skolpita fil-ġebel bil-pedestall magħha. Din l-istatwa inxtrat f' irkant biswit il-knisja u hemm xnigħat li kienet l-istatwa oriġinali li kien hemm quddiem il-knisja preċedenti.



F'petizzjoni li saret fl-1852, il-Prokuratur tal-knisja talab lill-Kap tas-Segretarjat tal-Gvern dwar il-ħtieġa li jkabbru l-knisja u jaqalgħu l-istatwa ta' San Pawl li kienet tistrieħ fuq pedestall tal-ġebel għaliex din kienet qed tirrestrinġi l-ispazju għall-binja ta' knisja oħra ġdida u akbar.[8] Għalhekk jista' jagħti l-każ li l-istatwa ma kinietx dik li hemm fuq il-bejt iżda din li qed nuru fl-immaġini. Stilistikament, l-istatwa hija skolpita fuq dik tal-magħruf Melchiorre Gafà iżda tirrifletti idjoma tas-Seklu Tmintax. San Pawl huwa maħdum tajjeb u għalkemm mill-akwarella ta' David Markham ma niħdux informazzjoni dettaljata biżżejjed, il-pedestall jista' jgħinna nifhmu li din l-istatwa li qed naraw verament setgħet kienet quddiem il-knisja u ħaditilha postha oħra akbar biex titqiegħed fil-għoli fuq il-bejt.[9]

6 Vincent Borg, *Il-Barokk fil-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara.* Programm Festa Santa Elena Birkirkara 1977, Kummissjoni Kapitolari, 25.

7 AAM, VP 13, 1635-1637 236v.

8 NAM: CSG 02 1093 / 28/ 9 / 1852.

9 Mario Gauci, *Mill-Knisja Filjali l-Qadima għall-Knisja l-Ġdida ta' San Pawl f'Birkirkara f'2000 minn Twelidek San Pawl,* Knisja Filjali San Pawl tal-Wied ta' Birkirkara (2009), 46-47.



**Illum**

F'Jannar tal-2016, ir-Rev. Kanonku Kantur Dun Ġużepp Micallef ħalla t-tmexxija tal-knisja f'idejn ir-Rev. Kanonku Nicholas J. Doublet li mill-ewwel wera interess qawwi f'din il-kariga. Tajjeb ngħidu li għal tlieta u għoxrin sena sħaħ, Dun Ġużepp Micallef għamel dak kollu li seta' sabiex din il-knisja tibqa' toffri s-servizz liturġiku lin-nies tal-madwar. Iżda issa kien imiss idejn aktar enerġiċi u żagħżugħa. Kien għalhekk li r-Rev.mu Kapitlu ħatar lil Dun Nicholas bħala Rettur fi tmiem il-festa tas-sena l-oħra. Huwa impenja ruħu bis-sħiħ biex jagħti enerġija ġdida lill-knisja ta' San Pawl bl-istil tiegħu approvat b'Digriet iffirmat mill-E.T. Mons Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, nhar id-9 ta' Jannar 2017.

L-għan prinċipali ta' Dun Nicholas mhuwa xejn ħlief li jdaħħal spiritwalità aktar profonda b'riti hekk imsejħa straordinarji mingħajr però ma jikkonfrontaw dawk maħruġa mill-Konċilju Vatikan II. Fost il-ħafna ċelebrazzjonijiet liturġiċi, Dun Nicholas qed jiċċelebra quddies tradizzjonali bil-Latin nhar ta' Ħadd filgħaxija. Jagħmel ukoll bosta manifestazzjonijiet oħra skont il-kalendarju liturġiku bl-iskop li jkompli jkattarn il-qima speċjalment lejn l-Ewkaristija. Grupp ta' żgħażagħ immexxija minn Kenneth Fenech u Gavin Muscat qed jgħinuh jilħaq l-iskop ta' din il-ħaġa tassew nobbli u l-espożizzjoni ta' kuljum tal-Ewkaristija qed tqarreb aktar nies li jieqfu għal xi ħin fis-skiet waqt li jkunu qed jagħmlu l-qadi tagħhom fit-triq bieżla tal-Wied.

**CHARLES J. SCICLUNA**
GHALL-GRAZZJA TA' ALLA
U TAS-SEDE APPOSTOLIKA
ARĊISQOF TA' MALTA

**DIGRIET**

Nafda f'idejn il-Kanonku Dun Nicholas Doublet il-kura pastorali tal-fidili li qegħdin jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa skont il-Forma Straodinarja tar-Rit Ruman u dan skont in-normi li jinsabu fil-*Motu Proprio* ***Summorum Pontificum*** tas-7 ta' Lulju 2007.

Mogħti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Jannar 2017.

Lawrence Gatt
Kanċillier

CAROLUS IUDA SCICLUNA ARCHIEPISCOPUS MELITENSIS

✠ Charles J. Scicluna
Arċisqof ta' Malta

Kien għalhekk li Dun Nicholas beda biex wettaq numru ta' proġetti. L-ewwel installa antiporta ġdida għall-knisja biex bis-saħħa tagħha l-manifestazzjonijiet liturġiċi jkunu jidhru minn dawk kollha li jkunu għaddejjin fit-triq. Din l-antiporta minimalista tikkonsisiti minn qafas tal-kromju u ħġieġ biex tagħmel il-knisja vetrina jew stedina spiritwali bħalma l-istess ħwienet ta' maġenbha huma vetrini tal-ħajja materjali. Id-disinn sar mis-sottoskritt.

Matul din is-sena saru bosta affarijiet oħra fejn inxtara lampier mill-familja Doublet biex jinxtegħel matul is-sena kollha, inħietu bosta paramenti fosthom id-drapp fin tal-brukkat tal-ventartal tal-festa u fl-aħħar inbeda damask ġdid tal-palma wara li nstab li ta' qablu kien fi stat irreparabbli.

Sar ħafna xogħol ta' preparazzjoni għall-armar tal-festa u tindif bil-għaqal minn Vladmir Cauchi. Sar ukoll restawr ta' opri tal-arti fosthom il-kwadri sbieħ tal-Madonna tal-Karmnu u tal-Madonna ta' Pompej li saru mill-kumpanija *Atelier del Restauro.* Il-kwadru tal-Madonna ta' Pompej, xogħol bikri ta' Giuseppe Calì, reġa' sab postu fin-navata oriġinali tiegħu u taħtu tqiegħed artal għall-venerazzjoni tal-immaġini Marjana. Dan tbierek mill-ġdid mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna b'manifetstazzjoni qasira wara quddiesa preseduta minnu stess.



Ta' min jgħid li fl-1885, ċertu Franġisk Psaila kien qala' permess biex jagħmel artal tal-Madonna ta' Pompej fil-Knisja ta' San Pawl. Il-kwadru tiegħu kien ser jagħmlu l-pittur Ġużeppi Calì u kien ser iqum sittax-il lira. Dun Anton Grech kellu f'idejh tminn liri biex jibgħathom lis-Santwarju ta' Pompej. Saret talba biex dawn jingħataw ħalli jkopru parti mill-ispiża ta' dan il-kwadru imma l-Kurja ma laqgħetx din it-talba. Jidher li din id-diffikultà ġiet megħluba għax fil-fatt dan l-artal bil-kwadru msemmi sar. Biss, b'din is-supplika, issa nafu kemm qam dan il-kwadru kif ukoll meta twaqqaf l-artal tiegħu. Jista' jkun li dan l-artal bil-kwadru li semmejt, seta' kien l-ewwel wieħed f'Malta li sar b'qima lill-Madonna ta' Pompej.[10] F'dan il-kwadru, permezz tax-xogħol bir-reqqa li għamlu fuqu r-restawraturi, għenuna nifhmu

10 Vincent Borg, *Mill-Knisja Filjali l-Qadima għall-Knisja l-Ġdida ta' San Pawl f'Birkirkara f'2000 minn Twelidek San Pawl*, Knisja Filjali San Pawl tal-Wied ta' Birkirkara (2009), 21.

mill-qrib similaritajiet mal-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li nsibu fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta, impitter mill-istess Calì fl-1870. Fihom it-tnejn naraw dik il-ħlewwa romantika kważi anġelika li biha huma rrappreżentati l-figuri tal-Madonna u l-Bambin iżda wiċċ Santa Katarina ta' Siena huwa pjuttost inferjuri għax-xogħol ta' Calì.



Intant għal din is-sena, fl-okkażjoni tal-1950 mill-Martirju ta' San Pawl, il-knisja għamlet festi speċjali fejn ġie mistieden il-Kapiltu ta' San Pawl tal-Belt li miegħu ġab ir-relikwa insinji bid-driegħ tal-Appostlu. It-Tridu sar mir-Rev. Kanonku Stefan Galea u lejlet il-festa qaddes ir-Rev. Kanonku Ġwann Borg li mexa bid-driegħ tal-Appostlu waqt it-transulazzjoni bis-sehem u l-akkumpanjament tal-fratelli mill-Fratellanza tas-Sagrament immexxija mir-Rettur, is-Sur Pawlu Muscat.

Nagħlaq dan l-artiklu billi nsemmi l-għeluq tal-paniġierku minsuġ minn Mons Dun Ġwann Azzopardi fejn fl-aħħar kelmiet tiegħu saħaq li *"Jalla din il-knisja tkun ċentru ta' qima fejn inxerrdu kemm nifilħu t-tagħlim ta' San Pawl u nipprattikaw il-kelma tiegħu fil-ħajja tagħna kif għamlu ta' qabilna f'din l-istess knisja bit-twaqqif tal-'Istituto San Paolo Della Dottrina Cristiana'."*

